**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 540/2016**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Martin Micallef**

Illum 25 ta' Lulju 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant **Martin Micallef**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 614258(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli fid-19 ta' Lulju 2010 għall-ħabta ta' 8.35pm waqt li kien qiegħed isuq vettura tal-għamla Peugeot GBJ 691, fi Triq Tul il-Kosta, Baħar iċ-Ċagħaq, limiti tan-Naxxar:

1. saq vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni GBJ 691 b'nuqqas ta' ħsieb, jew bi traskuragni jew b'nuqqas ta' ħila jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tat-traffiku

tajjar lill Abraham Petrus Beers u nvolontarjament ikkaġunalu offiża ta' natura gravi skont kif iċċertifika Dr. Carlo Refalo MD (Reg. No. 3235) mill-iSptar Mater Dei;

2. saq vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni GBJ 691 b'nuqqas ta' ħsieb, jew bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tat-traffiku tajjar lill Wephste Bart, Jum Sligtilg u Brinkhof Jocanda u nvolontarjament ikkaġunalhom offiżi ta' natura ħafifa skont kif iċċertifikaw Dr. Christian Zammit MD (Reg. No. 3241) u Dr. Paul Zammit MD (Reg. No. 3242) mill-iSptar Mater Dei;

3. saq vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni GBJ 691 tal-għamla Peugeot b'manjiera traskurata, bla kont u perikoluż.

Il-Qorti ġiet mitluba li l-imputat jiġi skwalifikat milli jieħu jew ikollu l-ebda liċenzja tas-sewqan għall-perjodu ta' mhux anqas minn tnax il-xahar

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tad-9 ta' Novembru 2016 fejn il-Qorti ddeċidiet: *"li l-imputat għandu jinstab ħati kif prospettat fir-rinviju tal-Avukat Ġenerali u ċioè li kkaġuna offiża ta' natura gravi taħt l-Artikolu 216(1)(a), Kap. 9, u li kkaġuna offiża ta' natura ħafifa taħt l-Artikolu 216(1)(c) taċ-ċitat Kap.; ukoll ħati taħt l-Artikolu 15(1)(a) tal-Kap. 65. Rat l-Artikoli 17 u 533 tal-Kap. 9 u tikkundannah multa ta' €3,000, sospensjoni ta' kull liċenzja tas-sewqan għal tliet xhur millum u jħallas l-ispejjeż tal-espert nominat u tal-proċeduri konnessi mal-ittri rogatorji."*

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fil-21 ta' Novembru 2016 fejn filwaqt li għamel riferenza għas-sentenza appellata talab lil din il-Qorti sabiex: *"tħassar il-piena fuqu nflitta u minflok tnaqqas u timmitiga l-istess piena u tagħtih piena oħra li tkun aktar idonea u li tkun tirrifletti dak kollu li seħħ fiċ-ċirkostanzi kollha tal-każ."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat it-traskrizzjoni tas-sottomissjonijiet bil-fomm li kienu saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

**Ikkunsidrat**

Illi din hija sentenza dwar appell ippreżentat mill-appellant Micallef in segwitu ta' sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fid-9 ta' Novembru 2016.

Illi fir-Rikors tal-appell tiegħu l-appellant iressaq numru ta' aggravji b'dan illi għandu jingħad li l-appell huwa kemm dwar l-apprezzament tal-provi magħmula mill-Ewwel Qorti u kif ukoll dwar il-piena nflitta mill-istess Qorti.

Illi qabel din il-Qorti tipproċedi ulterjorment ikun opportun tinnota li fil-verbal tas-seduta miżmuma fl-14 ta' Ottubru 2019 quddiem din il-Qorti diversament preseduta hemm imniżżel hekk (*a fol.* 345):

> "Il-Qorti tirrileva li l-Artikoli tal-liġi ndikati mill-Ewwel Qorti kwantu jirreferu għas-sejbien ta' ħtija fl-imputazzjonijiet ta' offiżi ta' natura ħafifa ndikat l-Artikolu 216(1) sub-inċiż (ċ), liema Artikolu jirreferi għal offiża ta' natura gravi, meta apparentement kellu jkun ċitat l-Artikolu 221."

Illi apparti dak li għadu kemm ingħad, din il-Qorti kif preseduta tinnota li minkejja li fil-11 ta' Diċembru 2015 l-Avukat Ġenerali bagħat in-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju (*a fol.* 310) fejn huwa ndika l-artikoli li skont huwa setgħet tinstab ħtija tagħhom fl-appellant mill-Ewwel Qorti, imkien fl-atti proċesswali ta' dan il-

każ ma hemm imsemmi li l-appellant ma kellux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jinstema' u jiġi deċiż mill-Qorti tal-Maġistrati. B'żieda ma' dak li għadu kemm ingħad għandu jingħad ukoll li fl-atti proċesswali anqas hemm imniżżel li quddiem il-Qorti tal-Maġistrati kienu ġew moqrija l-Artikoli mibgħuta mill-Avukat Ġenerali.

Illi mill-verbali tas-seduti miżmuma quddiem l-Ewwel Qorti wara li ntbagħtet in-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju jirriżulta li ġara hekk:

- fil-verbal tas-seduta tas-16 ta' Diċembru 2015 (*a fol.* 311) hemm imniżżel li kienet inqrat in-Nota ta' Rinviju b'dan illi għandu jingħad li dakinhar la appellant allura imputat u anqas il-konsulent legali tiegħu ma kienu preżenti;

- fil-verbal tas-seduta tad-9 ta' Marzu 2016 (*a fol.* 312), għal liema seduta deher l-appellant allura imputat u l-konsulent legali tiegħu, in-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju ma tissemmiex u jirriżulta li dakinhar xehed biss Dane Munro li eżebixxa traduzzjoni;

- fil-verbal tas-seduta tal-21 ta' Ġunju 2016 (*a fol.* 314) l-Uffiċjal Prosekutur iddikjara li kien qed jagħlaq il-provi tiegħu u dakinhar il-kawża tħalliet għas-sentenza;

- fil-verbal tas-seduta tal-25 ta' Ottubru 2016 (*a fol.* 315) l-appellant ma deherx u nħareġ Mandat ta' Arrest fil-konfront tiegħu;

- fil-verbal tas-seduta tad-9 ta' Novembru 2016 (*a fol.* 316) deher l-appellant mhux assistit u dakinhar ingħatat is-sentenza mill-Ewwel Qorti.

Illi Artikolu 370(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jgħid hekk:

"(a) B'dak kollu li jiddisponi s-subartikolu (1)(b), l-Avukat Ġenerali jista' jibgħat, sabiex tkun iġġudikata mill-qorti fuq imsemmija, persuna akkużata ta' delitt li għalih hemm il-piena ta' priġunerija għal żmien iżjed minn [...], jekk ma jkunx hemm oġġezzjoni minn dik il-persuna.

(b) [...] lill-qorti sabiex tiġġudika dak id-delitt, il-qorti <u>għandha</u> tistaqsi lill-akkużat jekk għandux oġġezzjoni illi l-każ tiegħu jiġi ittrattat bi proċedura sommarja u tagħtih, fid-diskrezzjoni tagħha, żmien xieraq biex iwieġeb għal din il-mistoqsija.

(ċ) Jekk, fiż-żmien hawn fuq imsemmi, l-akkużat iwieġeb illi huwa m'għandux oġġezzjoni li l-każ jiġi ittrattat bi proċedura sommarja, il-qorti <u>għandha</u> tinnota t-tweġiba fil-proċess u <u>malli tagħmel hekk il-qorti tkun kompetenti li tittratta l-każ tal-akkużat</u> u għandha tagħti s-sentenza minnufih, kif provdut fl-artikolu 377.

[...]

(f) Qabel ma l-qorti tistaqsi lill-akkużat jekk għandux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi ttrattat bi proċedura sommarja, kif provdut fil-paragrafu (b), il-qorti għandha tisma' dik ix-xhieda oħra li tista' tiġi ndikata mill-Avukat Ġenerali fl-istess nota li biha jibgħat lill-persuna akkużata sabiex tkun iġġudikata mill-qorti fuq imsemmija skont il-paragrafu (a)." [emfażi miżjuda]

Illi anke fin-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju (*a fol.* 310) imsemmija aktar 'il fuq, hemm imniżżel, fost l-oħrajn, hekk:

"Jibgħat lura ma' dan l-Att lil din il-Qorti l-atti tal-Kompilazzjoni hawn fuq imsemmija sabiex din l-istess Qorti, f'nuqqas ta' oġġezzjoni ta' l-imputat skont dak li

hemm maħsub fl-Artikolu 370(3)(b) u (ċ) tal-Kodiċi Kriminali, tiddeċiedi fuq l-akkuża ta' din il-ħtija jew ħtijiet, jew f'każ ta' oġġezzjoni, tipproċedi skont l-Artikolu 370(3)(d) tal-Kodiċi Kriminali, b'dan pero' li qabel ma l-Qorti tistaqsi lill-akkużat jekk għandhomx oġġezzjoni li l-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja, il-Qorti għandha, skont kif provvdut fl-Artikolu 370(3)(f) tal-imsemmi Kodiċi:

(a) Salv għall-eżenzjoni tad-difiża ssir traduzzjoni tal-ittri rogatorji mil-lingwa Ingliża għal dik Maltija u dan fid-dawl tal-lingwa ta' dawn il-proċeduri;

(b) Tieħu konjizzjoni ta' kull prova oħra li jogħġobha tressaq il-Pulizija f'dan il-każ."

Illi dan kollu juri l-Ewwel Qorti kienet obbligata li tistaqsi lill-appellant jekk kellu oġġezzjoni li l-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja u qabel tagħmel din il-mistoqsija, il-Qorti msemmija kellha tieħu konjizzjoni ta' paragrafu (a) u (b) hawn fuq ċitati.

Illi fl-ewwel paġna tas-sentenza appellata (*a fol.* 317) hemm imniżżel li l-Ewwel Qorti:

> "Rat ir-Rinviju għall-Ġudizzju tal-Avukat Ġenerali permezz ta' liema bagħat lill-imputat biex jiġi ġġudikat minn dina l-Qorti fuq il-bażi tal-Artikoli tal-liġi minnu ċitati.
>
> Semgħet lill-imputat jagħti l-kunsens tiegħu li jiġi ġudikat minn dina l-Qorti."

Illi din il-Qorti hija konxja tas-sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta fil-25 ta' Lulju 2008 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Francis sive Frankie Portelli** (Numru 320/2007), liema sentenza kienet tirrigwarda fatti mhux eżatt identiċi għal dan il-każ minħabba fost l-oħrajn li f'dak il-każ, il-Qorti nnutat: (a) li n-

Nota ta' Rinviju f'dak il-każ kienet "Lill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali" u (b) li:

> "[...] l-appellant Avukat Ġenerali josserva wkoll li għalkemm fl-udjenza tal-5 ta' Ottubru 2006 l-avukat difensur ta' Portelli kien ivverbalizza li l-akkużat, una volta li jiġi mistoqsi jekk għandux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi trattat bi proċedura sommarja, kien ser iwieġeb li m'għandux – dikjarazzjoni, din, li ġiet ripetuta wkoll fl-udjenza tas-17 ta' Novembru 2006 – l-ewwel qorti ma jirriżultax li effettivament għamlet il-mistoqsija lill-akkużat u rreġistratha fil-proċess kif indikat fil-paragrafu (ċ) tas-subartikolu (3) ta' l-imsemmi Artikolu 370."

Illi din il-Qorti ma tqisx li s-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Francis sive Frankie Portelli** għandha ssib applikazzjoni f'dan il-każ li dwaru qed tingħata din is-sentenza u dan minħabba li apparti li dak li ġie appena ċċitat ma jirriżultax f'dan il-każ, in-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju ta' dan il-każ hija indirizzata: *"Lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja"* (*a fol.* 310) (emfażi miżjuda). Ma' dan kollu din il-Qorti żżid tgħid li l-użu diversi drabi tal-kelma "għandha" f'Artikolu 370(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta juri li huwa obbligatorju li l-Qorti tal-Maġistrati għandha taderixxi ma' dak li tiddisponi l-liġi.

Illi għalkemm l-Ewwel Qorti tgħid li semgħet lill-appellant allura imputat jagħti l-kunsens neċessarju sabiex hija setgħet tkun tista' tiddeċiedi l-każ, ma hemm ebda indikazzjoni fl-atti li dan sar. Minħabba li dak imsemmi fil-paragrafu t'hawn fuq ma ġiex osservat mill-Qorti tal-Maġistrati, b'hekk isegwi li din il-Qorti ser tirrevoka s-sentenza appellata u tiddikjaraha nulla b'dan illi din il-Qorti ser tibgħat l-atti proċesswali lill-Ewwel Qorti sabiex terġa' tingħata sentenza mill-ġdid skont il-liġi wara li tiġi segwita l-proċedura rikjesta mil-liġi. Jiġi speċifikat li l-appellant għandu jerġa' jitpoġġa fil-pożizzjoni li kien immedjatament fih qabel ma l-Avukat Ġenerali bagħat in-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju (*a fol.*

310) li fiha huwa ndika l-Artikoli tal-liġi li skont hu l-appellant seta' jinstab ħati tagħhom.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti qegħda *ex officio* tirrevoka s-sentenza appellata u, biex ma tipprivax lill-partijiet mill-benefiċċju tad-*doppio esame*, qed tirrinvija l-atti lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali sabiex l-appellant jerġa' jitpoġġa fil-pożizzjoni li kien immedjatament fih qabel mal-Avukat Ġenerali bagħat in-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju (*a fol.* 310) li fiha huwa ndika l-Artikoli tal-liġi li skont hu l-appellant seta' jinstab ħatja tagħhom u b'hekk tiġi segwita l-proċedura rikjesta mil-liġi u eventwalment tingħata sentenza mill-ġdid.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**